MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-24 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Numru: 99/15 LM

Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 2635/2014 fl-ismijiet:

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**vs.**

**Carmelo Meli (Karta tal-Identità bin-numru 461747M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Carmelo Meli** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") ippreżentat fis-26 ta' Jannar, 2015 fejn għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*Illi fis-26 ta' Awwissu, 2014 ġiet ippreżentata ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi li permezz tagħha il-mittent Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) interpella lill-esponenti Carmelo Meli sabiex iħallas is-somma ta' mija tnejn u ħamsin elef, tmien mija u erbgħa u sebgħin Euro u tlettax-il Euro ċenteżmi (€152,874.13) rappreżentanti ammont dovut mill-esponent bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att XXIII tal-1998.*

*Illi l-esponent jixtieq jopponi din it-talba għall-ħlas billi l-esponent mhuwiex qiegħed jaqbel mal-ammont reklamat u mitlub.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponent rikorrent umilment jitlob illi t-talba għall-ħlas tal-ammont reklamat u mitlub fl-imsemmija ittra uffiċjali tiġi dikjarata bħala waħda infondata u konsegwentement riġettata bl-ispejjeż.*

Rat ir-risposta tad-**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") ippreżentata fit-3 ta' Marzu, 2015, li taqra hekk:

1. *Illi b'mod preliminari, r-rikors huwa null inkwantu jekk huma maħsub sabiex tinbeda kawża, u dan peress li ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf kif trid il-liġi u hekk kif determinat tramite każistika u numru ta' deċiżjonijiet preċedenti deċiżi minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti inkwantu tali ammont hu dovut bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li l-esponenti għandu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406, filwaqt li l-ittra uffiċjali inkwistjoni hija intiża biss li tirrendi*

*eżegwibbli l-istess titolu eżekuttiv li għandu l-esponenti – għalhekk, it-titolu eżekuttiv favur l-esponenti hu validu, effettiv u eżegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe każ din l-Onorabbli Qorti mhix il-Qorti kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiż huwiex dovut o meno inkwantu huwa biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess;*

4. *Illi l-parti l-kbira tal-ammont dovut mir-rikorrenti jikkostitwixxi taxxa ddikjarata mir-rikorrenti nnifsu u dan hu fatt ammess mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tar-rikorrenti stess u għaldaqstant mhuwiex ikkontestat;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tal-attur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur qiegħed jitlob it-tħassir ta' ittra uffiċjali maħruġa biex tirrendi eżegwibbli titolu eżekuttiv maħruġ mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 għaliex mhux qed jaqbel mal-ammont mitlub.

Illi l-attur qiegħed, permezz ta' rikors mhux maħluf, jitlob li jiġi impunjat, fil-mertu, titolu eżekuttiv. Din il-proċedura ma hija ffakoltizzata minn ebda dispożizzjoni tal-Kap 12 jew minn xi liġi oħra.

Illi l-liġi tagħti l-fakoltà li, b'rikors mhux maħluf, jiġi attakkat mandat eżekuttiv jew att eżekuttiv ieħor, u dan biss minħabba xi rregolaritajiet fl-att eżekuttiv innifsu. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs. Doris Conchin** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (JRM) fit-28 ta' Lulju, 2011 u kkonfermata fl-appell:

> "l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-Artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tieħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra".

Illi f'dan il-każ però ma nħareġ l-ebda att eżekuttiv, bħal mandat ta' qbid eżekuttiv jew mandat ta' sekwestru eżekuttiv, kontra l-attur. Dak li qed jattakka l-attur huwa titolu eżekuttiv, u mhux att eżekuttiv maħruġ bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv.

Skont l-Artikolu 33(2) tal-Kap. 406, meta l-Kummissarju joħroġ stima, it-*taxpayer* ikollu 30 jum minn meta jirċivieha sabiex jappella. Skont l-Artikoli 43, 44 u 47 tal-Kap. 406, l-appell isir quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva. Ġaladarba jgħaddi t-terminu bla ma jsir appell, l-istima ma tistax tiġi iktar attakkata – ara **Joseph Mary Farell vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (Qorti tal-Appell, 24.06.2011).

Illi skont l-Artikolu 59(1) tal-Kap. 406:

> "Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xhieda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

Illi l-attur Carmelo Meli kellu l-opportunità li jattakka l-istima kif fuq spjegat. Fil-verità jidher mad-daqqa t'għajn li lanqas kien hemm lok li jagħmel dan għaliex il-maġġor parti tal-istima nħarġet fuq taxxa ddikjarata mir-rikorrent innifsu. Fi kwalunkwe każ, iżda, ladarba l-attur naqas li juża l-għodda li tagħtih il-liġi, u ħalla l-istima ssir titolu eżekuttiv, ma jistax jattakkaha permezz ta' rikors.

**Decide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tiddikjara r-rikors tar-rikorrent irritu u null.**

**Spejjeż a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.